

Brussell, 7 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14190/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0270(NLE)

SCH-EVAL 143
FRONT 403
COMIX 504

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett: Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet (serji) identifikati fl-evalwazzjoni tal-2022 ta' **Spanja** dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-**ġestjoni tal-fruntieri esterni**

1. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 li jstabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni wettaq evalwazzjoni ta' Spanja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni fl-2022.
2. F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni mfassla biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni u biex tiżgura li Spanja tapplika b'mod korrett u effettiv ir-regoli kollha ta' Schengen relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri esterni.

3. Mill-1 ta' Ottubru 2022, japplika r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen¹. Skont l-Artikolu 31(3) ta' dak ir-Regolament, għall-evalwazzjonijiet imwettqa qabel l-1 ta' Frar 2023, l-adozzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet għandha titwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1053/2013.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen, inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, approva l-proposta għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni fis-26 ta' Ottubru 2022.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 14198/22, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat li jmiss.

¹ ĠU L 160, 15.6.2022, p. 1–27.